MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**

**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 745/2001/1

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Novembru, 2013**

**Avviz nru: 745/2001 MLF**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, gia Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Bogner Sports Ltd, u b'nota tat-**

**13 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Bogner Sports Ltd. Assumiet l-atti, u b'nota tas-27 ta' Frar, 2007 is-socjeta' Atlas Insurance Limited sar jisimha Atlas Insurance PCC Limited.**

**Vs**

**Korporazzjoni Maltija tal-Izvilupp u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2002 dan gie ikkoregut u sostitwit bil-kliem "Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta" u b'digriet tas-16 ta' Frar, 2006 is-socjeta' Malta Industrial Parks Limited (C28965) assumiet l-atti tal-kawza, liema atti gew legittimati f'isem l-istess Malta Industrial Parks Limited (C28965), u**
**General Waterpoofing Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li fih talbet li l-entitajiet konvenuti jigi kundannati jhallsu lis-socjeta' attrici noe, jew min minnhom, is-somma ta' elfejn disgha mija wiehed u sebghin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm2971.28c) in linea ta' danni wara li indennizzat lill-assikurat taghha ghall-hsara, telf u spejjes konsegwenzjali li garrab meta bejn l-1 ta' Settembru 2000 u t-8 ta' Settembru 2000 kien hemm dhul sostanzjali ta' ilma tax-xita mis-saqaf tal-fabbrika tal-assikurat sitwata fil-qasam industrijali ta' Ricasoli – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan ir-risarciment ta' danni huma responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti taghhom jew min minnhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 2009 u bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet Korporazzjoni Maltija ta' l-Izvilupp fejn eccepiet:

1. Illi in linea preliminari l-Korporazzjoni konvenuta giet citata hazin stante illi l-Korporazzjoni Maltija ta' l-Izvilupp ma' tezistix u se mai l-isem korrett skont il-Kap 202 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jkun "Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta" jew "Malta Development Corporation".
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta s-socjeta' General Waterproofing Limited inghatat il-kuntratt sabiex tezegwixxi xogholijiet fil-fabbrika operata minn Bogner Sports Limited fil-Qasam Industrijali ta' Rikasoli, din accettat bhala parti integru mill-kuntratt il-*General Conditions of Contract* (Dok A) liema kundizzjonijiet jistipulaw fil-klawsola numru hdax (11) illi "*the contractor shall take all risks of accident or damage to the work, from whatever cause arising, and shall be responsible for the sufficiency of all means used by him for the fulfilment of the contract, and shall not be relieved from such responsibility by any approval which may have been given by the Inspector or the Head of Department*".
3. Illi oltre, din l-istess klawsola tal-General Conditions of Contract, u cioe' l-klawsola numru 11, giet irrikonfermata mis-socjeta' General Waterproofing Limited permezz ta' ittra (Dok B) mibghuta lill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta tramite l-konsulent legali ta' l-istess General Waterproofing Limited.
4. Illi ghalhekk is-socjeta' General Waterproofing Limited accettat kull responsabbilta' ghal danni li setghu jigu kkawzati waqt it-twettiq tax-xogholijiet.
5. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni konvenuta ma' kkawzat l-ebda hsarat u ghalhekk m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-danni.
6. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kwantum tad-danni qieghed jigi kontestat.
7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta General Waterproofing Limited fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' attrici ghandha ttella' l-provi kollha necessarji, inkluzi dawk dokumentarji sabiex tipprova illi hija giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha 'Bogner Sports Limited' u li s-surroga hija wahda valida u effettiva ghal kull buon fini tal-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' eccipjenti m'hijiex il-legittima kontradittrici u dan stante illi qatt ma' kellha relazzjoni guridika jew xort'ohra mas-socjeta' attrici ghaliex l-istess socjeta' tqabbdet biex taghmel ix-xoghol in kwistjoni mill-Korporazzjoni Maltija tal-Izvilupp;
3. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghall-premess, kull xoghol li sar mis-socjeta' eccipjenti sar skond is-sengha u l-arti;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' esponenti dejjem hadmet fuq struzzjonijiet tal-Korporazzjoni Maltija tal-Izvilupp u ghalhekk id-danni kkagunati lis-socjeta' attrici m'humiex imputabbli lilha;
5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.
6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet, eskluza s-socjeta' Malta Industrial Parks Limited, li nonostante li nghatat diversi opportunitajiet sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha, hija naqset li taghmel dan.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

1. Is-socjeta' Bogner Sports Limited (minn issa 'l quddiem se tkun imsejha bhala "Bogner") kienet assikurata mas-socjeta' attrici. Bogner kellha fabbrika fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli, fejn kienet taghmel hwejjeg in konnessjoni ma' *skiing* kif ukoll qliezet.

2. Bogner hadet il-fabbrika minghand il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta (minn issa 'l quddiem imsejha "MDC") u l-kuntratt tal-kiri sar mal-Kummissarju ta' l-Art.

3. Il-fabbrika kienet tehtieg xogholijiet ta' waterproofing fis-soqfa, ghal-liema xoghol l-MDC inkarigat lis-socjeta' konvenuta General Waterproofing Limited (minn issa 'l

quddiem imsejha “GWL”) sabiex tesegwieh, wara sejha ghall-offerti.

4. L-ghazla tal-kuntrattur, l-ispecifications tax-xoghol u hlas relattiv kienu prerogattiva u responsabbilita tal-MDC.

5. Fil-kuntratt li MDC ghamlet ma’ GWL gie dikjarat fi klawsola 11 li “*the contractor shall take all risks of accident or damage to the work, from whatever cause arising, and shall be responsible for the sufficiency of all means used by him for the fulfilment of the contract, and shall not be relieved from such responsibility by any approval which may have been given by the Inspector or the Head of Department*”.

6. Ix-xoghol kien jinvolvi t-tnehhija tal-waterproofing membrane l-qadima u t-tqeghid ta’ ohra gdida. Ix-xoghol kollu kellu jsir minn GWL.

7. Ix-xoghol kellu jibda fl-1 ta’ Awwissu 2000 u jdum 15-il jum biex jibda u jispicca. Pero, x-xoghol beda fl-14 t’Awwissu 2000 u tlesta fl-ahhar ta’ Settembru 2000.

8. Hlief ghall-*factory shutdown* ta’ bejn l-14 u l-31 ta’ Awwissu 2000, ix-xoghol tal-fabbrika baqa’ ghaddej, waqt li kien ghaddej ix-xoghol tal-waterproofing.

9. Fl-1 ta’ Settembru 2000 u fl-4 ta’ Settembru 2000 dahal l-ilma bil-qatran mis-saqaf f’partijiet differenti tal-fabbrika – ta’ l-ewwel fil-mahzen tal-*finished goods,* u gew danneggati hwejjeg lesti u fit-tieni okkazzjoni fis-*sorting section,* fejn gew danneggjati *accessories,* cioe xi partijiet.

10. L-akbar hsara saret bejn is-7 u 8 ta’ Settembru 2000, meta ghamlet xita qawwija, meta x-xoghol tal-*waterproofing* kien ghadu mhux lest, u l-fabbrika imtliet bl-ilma tax-xita. Fis-7 ta’ Settembru, GWL nehhiet il-*membrane* minn fuq is-saqaf tal-*cutting room.* Pero l-ilma tax-xita ghadda wkoll mill-membrane li kien tqieghed gdid.

11. Konsegwenza ta’ dan saret hsara fil-magni, fil-hwejjeg u fil-hitan tal-fabbrika, u l-haddiema ma setghux

jahdmu ghal gurnata u nofs, sakemm il-hwejjeg u l-magni nixfu.

12. L-MDC zebghet il-hitan, izda l-hsara u d-danni l-ohra baqghu ma thallsux. Konsegwentement Bogner ghamlet *claim* lis-socjeta' attrici.

13. Fuq inkarigu tas-socjeta' attrici, l-Perit Albert Cauchi, u l-Inginiera Paul Cardona u Joseph Caruana spezzjonaw il-fabbrika u l-magni. Ir-rapporti taghhom, debitament konfermati bil-gurament, gew ezebiti f'dawn il-proceduri.

14. F'dawn il-proceduri, is-socjeta' attrici esebiet il-hlasijiet kollha li hija kienet ghamlet lill-assigurat ta' Bogner, minhabba d-danni li sofra,[1] u esebiet ukoll kopja tal-koperturi assigurattivi li s-socjeta' attrici harget favur l-assikurat taghha u li abbazi taghhom indennizat lill-istess assigurat.[2] Konsegwentement, is-socjeta' attrici ippruvat li hija giet surrogata *ex lege* fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha, Bogner, bl-operat ta' l-Artikolu 1166(c) tal-Kodici Civili,[3] u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni ta' GWL ghandha tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Responsabbilita ghad-Danni**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha is-socjeta' attrici tghid illi l-azzjoni taghha fil-konfront tal-MDC hija wahda *ex contractu*, fil-waqt li fil-konfront tal-GWL hija azzjoni ghal *culpa aquiliana.* Kif gie ritenut fis-sentenza **Anthony sive Tony Jones vs. It-Tabib Francis Pullicino et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2008: *" … … Ma hemm xejn xi jzomm milli l-istess azzjoni ghal Danni minhabba hsara mill-istess fatt issir fl-istess hin kontra*

---

[1] Ara xhieda ta' Lawrence Formosa u d-dokumenti minnu esebiti a fol. 71 *et seq.* tal-process.

[2] Ara Dok ZM 4 a fol. 101 *et seq.* tal-process.

[3] Ara s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd. v. Raymond Azzopardi**. L-Artikolu 1166(c) tal-Kodici Civili jippreskrivi illi: *"Is-surroga ssir ipso jure favur - … … (ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;… …"*

*konvenuti marbuta ma' l-attur minn relazzjoni kuntrattwali u kontra konvenut iehor li hu msejjah biex iwiegeb ghal Danni ex delicto."*

F'dawn il-proceduri xehdu zewg rapprezentanti ta' GWL: Tanya Micallef u zewgha Jesmond Micallef.

Tanya Micallef hija direttur tas-socjeta' konvenuta GWL u xehdet li meta beda x-xoghol in kwistjoni kien hemm 3 saffi ta' membrane ezistenti fuq is-saqaf tal-fabbrika. L-ewwel ghamlu prova fuq mitt (100) metru kwadru tas-saqaf tal-fabbrika billi nehhew t-tlett saffi tal-membrane ghal dawn il-mitt (100) metru kwadru. Skont ix-xhud hawn indunaw li kellu jsir xi haga fuq il-bejt, u issuggerew lil MDC li jsir kontrabejt. Skont din ix-xhud, il-persuna responsabbli mill-MDC kien certu Charles Vella. Pero l-MDC iddecidiet li ma jsirx kontrabejt minhabba li kienu ser jinvolvu spejjez ulterjuri. Ghaldaqstant qalghu biss saff wiehed (1) mill-membrane u hallew tnejn (2) fil-post tal-membrane originali. Huma qasmu l-bejt sezzjoni, sezzjoni, u meta jlestu wahda, jibdew l-ohra. Hija qalet li meta qalghu l-ewwel saff ta' membrane, sabu hafna ilma, u ghalhekk kellhom ihalluh jinxef ghal xi jumejn qabel ituh il-qatran u mbaghad ipoggu membrane ohra fuqu. Skont ix-xhud meta qalghu l-ewwel saff ta' membrane ta' sezzjoni partikolari u kienu se jhalluh jinxef, bdiet niezla x-xita.

Jesmond Micallef, wiehed mill-haddiema li wahhal il-membrane kkonferma fix-xhieda tieghu, li kien hemm tlett (3) saffi ta' membrane fuq is-saqaf. Huwa xehed li Charles Vella, r-rapprezentant tal-MDC, qallu biex jaqlaghhom, u huma qalghu parti minn dawn it-tlett (3) saffi u sabu kollox imxarrab. Jghid li ssuggerixxa lill-MDC li jsir kontrabejt u fuqu l-membrane, imma l-MDC ma riedux jaghmlu dan peress illi ma kellhomx flus, u qalulu biex jaqla' saff (1) wiehed biss mill-membrane, ta' dak li kien fadal. Hu kkalkula li nehhew tlett saffi ta' kwart tax-xoghol kollu. Hu xehed li ma setghax jaghti l-qatran, qabel jinxef il-bejt. Huwa xehed hekk: *"Meta rajt l-istat tal-konkos jiena ma hadt l-ebda prekawzjonijiet sabiex nara li jekk taghmel ix-xita ma jidholx l-ilma mill-konkos ghal gol-fabbrika. Meta ghamlet ix-xita qawwija kien ghadu ma sarx il-qatran …*

*…"* Huwa xehed ukoll li *"Charlie Vella qalli biex naqla' layer wahda (1) biss. Jiena bqajt fuq dak li qalli hu. Ma nafx jekk kienx sewwa li kelli naghmel hekk."*[4]

Il-Perit Albert Cauchi - wiehed mill-esperti mqabbda mis-socjeta' attrici - fir-rapport tieghu tal-10 ta' Settembru 2000[5] jikkonkludi *inter alia* illi:
*"… … 2. That a weak mixture, yellow in colour, exists as infill between planks. There is no sign of cement content in the mixture and is very fragile and crumbles between the fingers.*
*… 5. … … Most of this membrane has peeled off but a lot of it is still in place.*
*… 7. That a new membrane is being laid on top of the existing patches of loose membrane trapping water, and air with hardly any adhesion to the base. This will suffer wind suction. One could feel dips and mounds as he walks over the new membrane. This is not in accordance with good practice.*
*8. Proprietary parts were not used at downpipes and corners in the new membrane…"*

L-Inginier Paul Cardona – ukoll mahtur mis-socjeta' attrici - fir-rapport tieghu tal-11 ta' Settembru 2000[6] jghid *inter alia* hekk: *"A percentage of the old top membrane has been removed. However large areas have been left in place. This is resulting in a substandard quality of work."*

Il-konkluzjonijiet ta' dawn l-esperti ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-entitajiet konvenuti.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li x-xoghol li kienet qieghda taghmel is-socjeta' konvenuta GWL, ma kienx qed isir skont l-arti u s-sengha, u ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jekk taghmel ix-xita ma jinzilx ilma fil-fabbrika. Ghaldaqstant, il-Qorti trid tikkonsidra jekk l-entitajiet konvenuti humiex it-tnejn legalment responsabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici.

---
[4] Ara fol. 247 tal-process.
[5] Dok ZM2 a fol. 49 tal-process.
[6] Dok ZM1 a fol. 47 tal-process.

Fir-rigward tal-konvenuta MDC, jirrizulta li kien hemmm relazzjoni kontrattwali bejnha u bejn Bogner, tant li l-MDC accettat li tinkorri l-ispiza tax-xoghol ta’ *waterproofing* li l-fabbrika kienet tehtieg u kienet hi li harget it-tender u nkarigat il-persuna, senjatament lis-socjeta’ konvenuta GWL sabiex taghmel ix-xoghol. Ghaldaqstant, fl-ewwel lok l-MDC kellha l-obbligu li tassikura li GWL tesegwixxi l-appalt fil-hin u skont l-arti u s-sengha, tenut kont li, fin-nuqqas, kienet Bogner li se tbati minn eventwali konsegwenzi negattivi. Dan setghet taghmlu permezz ta’ sorveljanza adegwata u pronta min-nies taghha fuq il-kuntrattur. Mix-xhieda ta’ Tanya Micallef u Jesmond Micallef, jidher li l-MDC kienet inkarigat ufficjal taghha, Charles Vella, sabiex jissorvelja x-xogholijiet. Pero mill-provi mhux biss ma jirrizultax kemm kien imur spiss jissorvelja x-xogholijiet, imma jirrizulta li minkejja din is-supervizjoni, ix-xoghol tal-kuntrattur xorta ma kienx skont l-arti u s-sengha.

Fit-tieni lok, ma giex kontestat dak li xehdu Tanya Micallef u Jesmond Micallef, li GWL kienet tal-opinjoni li l-arti u s-sengha kienet titlob li jsir kontrabejt fuq is-saqaf ta’ Bogner qabel ma jinkesa bil-membrane, pero l-MDC irrifjutat li tawtorizza dan ix-xoghol, ghaliex skont hi ma kellhiex allokati l-finanzi necessarji. Ghaldaqstant, gie ippruvat li x-xoghol ta’ GWL in parte ma kienx skont l-arti u s-sengha ghaliex l-MDC irrifjutat li tawtorizza lil GWL taghmel kontrabejt qabel tqieghed il-membrane, u dan kontra l-parir tal-istess GWL.

L-MDC ma tistax tahrab din ir-responsabbilita taghha fil-konfront ta’ Bogner billi tinvoka klawsola 11 li ghandha fil-ftehim ma’ GWL li tghid: illi *“the contractor shall take all risks of accident or damage to the work, from whatever cause arising, and shall be responsible for the sufficiency of all means used by him for the fulfilment of the contract, and shall not be relieved from such responsibility by any approval which may have been given by the Inspector or the Head of Department”*. Dan ghas-semplici raguni li dan il-ftehim huwa *res inter alios acta* ghal Bogner, li ma kienx parti f’dan il-ftehim, u ghalhekk ma jistghax jigi pregudikat f’dan il-ftehim. Din il-kawsola ghandha biss relevanza fir-

relazzjoni bejn iz-zewg entitajiet konvenuti li kienu parti fil-ftehim, u hija rrelevanti ghal fini tar-relazzjoni kontrattwali bejn Bogner u l-MDC.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni kunsidrata ta’ din il-Qorti, l-MDC hija responsabbli fil-konfront tas-socjeta’ attrici *ex contracto* ghad-danni sofferti mill-assigurat taghha.

Fir-rigward tal-konvenuta GWL, is-socjeta’ attrici qieghda tibbaza t-talba taghha fuq il- *culpa aquiliana.* Il-GWL qieghda teccepixxi li hi ma hijiex il-legittima kontradittrici ghat-talba tas-socjeta’ attrici f’dawn il-proceduri, u dan ghaliex GWL qatt ma kellha relazzjoni guridika jew xort’ohra mas-socjeta’ attrici, ghaliex GWL tqabbdet biex taghmel ix-xoghol in kwistjoni mill-MDC.

Huwa vera li ma hemmx relazzjoni kuntrattwali bejn Bogner u GWL, izda dan ma jfissirx illi ma hemmx relazzjoni guridika, ghax, kif jghid l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili, *“Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu.”* Kif inghad aktar il-fuq, Bogner sofriet hsara kagun tax-xoghol ta’ GWL li ma kienx skont l-arti u s-sengha.

GWL issottomettiet li ma jirrizultax mill-provi li l-MDC ikkorregiet lil GWL jew ghamlitilha xi rimarki illi jistghu jaghtu hjiel illi GWL kienet qieghda, *sua* sponte, tonqos milli tezegwixxi x-xoghol ikkontrattat skont l-arti u s-sengha, u li x-xoghol sar taht is-supervizzjoni u skont dak li ddecidiet l-MDC. F’dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 t’April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Francica et v. Buhagiar**, fejn gie ritenut hekk: *“Bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li ‘il quddiem juri difetti. F’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu ‘l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa’ obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritam artis u hu obbligat li jirresisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent, u*

*ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent … …"*[7] Huwa vera li f'din il-kawza kien hemm relazzjoni diretta bejn l-attur u l-konvenut, ghaliex kien l-attur li ngagga l-konvenut, pero fil-kaz odjern, GWL kienet taf li ghalkemm hi giet ingaggata mill-MDC ix-xoghol kien qed isir a beneficcju ta' Bogner, u li jekk ix-xoghol ma jsirx skont l-arti u s-sengha, – kif fil-fatt gie ppruvat li ma sarx kif fuq inghad – kienet Bogner li ser issofri d-danni.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, GWL hija responsabbli *ex delicto* ghad-danni sofferti minn Bogner.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg konvenuti huma flimkien responsabbli ghad-danni kollha li garrbet Bogner, u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din ir-responsabbilita bejniethom ghandha tinqasam nofs kull wiehed.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-Likwidazzjoni tad-Danni**

Ix-xhud Lawrence Formosa, *General Business Claims Manager* tas-socjeta' attrici, fisser fid-dettal in-natura taz-zewg poloz ta' assigurazzjoni li bis-sahha taghhom kienet assigurata Bogner, kif ukoll l-entita tal-*claims* ghal hsara materjali u ghal telf ta' qliegh, li a bazi taghhom sar l-indennizz favur Bogner.[8]

Id-danni kienu jikkonsistu fin-nefqa zejda fis-sahra tal-haddiema – kif fissret ix-xhud Stephanie Frendo[9] - l-ispejjez tal-esperti u t-tiswija tal-hsara fil-magni tal-fabbrika.

Illi f'dawn il-proceduri, il-konvenuti ma gabu l-ebda forma ta' prova biex jikkontestaw l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici.

[7] Ara wkoll fl-istess sens **Muscat Biagio v. Falzon Anthony** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) 12 ta' Mejju 2003.
[8] Ara xhieda ta' Lawrence Formosa a fol. 71 *et seq.* tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Stephanie Frendo a fol. 91 *et seq.* tal-process.

Ghaldaqstant, din il-Qorti se tillikwida d-danni tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sitt elef disa’ mija wiehed u ghoxrin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€6921.22) (ekwivalenti ghal elfejn u disa’ mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm2971.28).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qieghda, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-entitajiet konvenuti, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u fil-waqt li tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli nofs kull wiehed ghar-risarciment tad-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta’ attrici bejn l-1 ta’ Settembru 2000 u t-8 ta’ Settembru 2000, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu nofs kull wiehed lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef disa’ mija wiehed u ghoxrin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€6921.22) (ekwivalenti ghal elfejn u disa’ mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm2971.28).

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Marzu, 2009 u bl-imghax legali mill-5 ta’ Marzu, 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------